Ħelow tfal? Kif intom?

Aħna ninsabu tajbin. Qed noqogħdu ġewwa kuljum. Mhux dejjem tkun faċli imma qed jirnexxielna. Intom?

Prosit tax-xogħol li lestejtu. Ħadtu pjaċir issegwu l-links? Mhux qed nagħtukom ħafna xogħol sabiex ikollkom ċans taqraw kuljum. Kif dejjem għidna l-qari huwa importanti ħafna. Barra minn hekk ikollkom ċans tilagħbu u tgawdu lil min qed jieħu ħsiebkom.

Flimkien ma' din l-ittra qed taraw xi xogħol li ser taħdmu matul din il-ġimgħa. Kif konna spjegajnilkom, importanti li timxu mad-data biex ma jinġabrilkomx ħafna xogħol f'daqqa. Imbagħad dawk li jieħdu ħsiebkom ikunu jistgħu jimxu mat-tweġibiet biex jiċċekjaw ix-xogħol tagħkom. Nhar it-Tlieta 31 ta' Marzu, hija festa pubblika u għalhekk mhux ser issibu kopji ta' 'handouts' biex taħdmu. Tinsewx taqraw ftit iktar mis-soltu f'din il-ġurnata!

Fil-'links' li ser issegwu din il-ġimgħa ser issibu 'link' ġdida taħt l-isem ta' **'Movement/Physical Activity'**. Kif issibuha din żgur ser tfakkarkom fi żmien sabiħ li ppreparajna ħafna għalih. Kellna ħafna sfidi li kien hemm bżonn negħlbu imma rnexxielna! Tiftakru liema żmien hu? U hekk ser jirnexxielna f'dan iż-żmien li qegħdin fih bħalissa.

Inħobbukom ħafna tfal.

L-għalliema tat-tieni sena,
*Ms. M. Buttigieg Brooks, Ms. M. Vella Montebello,*
*Ms. D. Seisun Incorvaja, Ms. F. Debono u Ms. A. Sapiano*

flimkien mal-Learning Support Educators,
*Ms. Anneliza, Ms. Analise, Ms. Elaine, Ms. Louise, Ms. Claire,*
*Ms. Charmaine, Ms. Josephine, Ms. Sarah u Ms. Stephanie*